

Brussell, 23 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9166/18

AGRI 241
AGRIORG 29
DELECT 87

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2018) 2980 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 22.5.2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti għal ċerti indikazzjonijiet dwar it-tikkettar taż-żejt taż-żebbuġa

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2018) 2980 final.

Mehmuż: C(2018) 2980 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2018
C(2018) 2980 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 22.5.2018

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012 fir-rigward tar-
rekwiżiti għal ċerti indikazzjonijiet dwar it-tikkettar taż-żejt taż-żebuga**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat għandu l-għan li jiċċara xi dispożizzjonijiet eżistenti relatati mat-tikkettar ta' ċerti indikazzjonijiet fakultattivi għaż-żejt taż-żebbuġa (l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 29/2012 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa).

B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) Nru 29/2012 jipprevedi li l-valur ta' ċerti parametri fiżikokimiċi jridu jkunu mmarkati fil-każ li l-aċidità tkun imsemmija (il-valur tal-perossidu, il-kontenut tax-xama' u l-assorbiment ultravjola). Dan l-att delegat jispeċifika li dawn il-valuri jenħtieġ li jikkorrispondu għal dawk mistennija fid-data ta' durabbiltà minima. Peress li huwa magħruf li l-valuri ta' dawn il-parametri jistgħu jevolvu wara l-ibbottiljar, din il-kjarifika se tevita li tingħata informazzjoni qarrieqa lill-konsumaturi u se tipprovdi aktar garanzija lill-operaturi responsabbli mit-tikkettar.

It-tieni kjarifika proposta hija marbuta mas-sena tal-ħsad li tista' tiġi tikkettata b'ċerti kundizzjonijiet. Fuq talba ta' ċerti Stati Membri, l-att delegat jipproponi żewġ għażliet dwar kif tiġi tikkettata s-sena tal-ħsad.

Fl-aħħar nett, fuq talba mill-Italja u bil-ħsieb li tipprovdi informazzjoni lill-konsumaturi rigward l-età ta' żjut taż-żebbuġa verġni, l-att delegat jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li jobbligaw lill-operaturi tagħhom biex jindikaw is-sena tal-ħsad fuq it-tikketta, b'kundizzjonijiet speċifiċi ħafna. Fil-fatt, tali obbligu huwa limitat għaż-żejt taż-żebbuġa prodott fil-livell nazzjonali u maħsub għall-konsum domestiku. Dawn il-limitazzjonijiet ġew introdotti bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-funzjonament tas-suq uniku ma jinbidilx.

Il-proposti introdotti f'dan l-att delegat huma konsistenti mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL MA JIĠI ADOTTAT L-ATT

Ġew ikkonsultati esperti mill-Istati Membri permezz ta' laqgħat tal-Grupp ta' Esperti għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq għall-prodotti agrikoli, sabiex isir skambju tal-fehmiet dwar dan l-att u sabiex jitqies l-għarfien espert tal-awtoritajiet nazzjonali.

L-abbozz tar-Regolament Delegat kien disponibbli għall-konsultazzjoni mal-pubbliku fil-qafas tal-Portal għal Regolamentazzjoni Aħjar għal perjodu ta' erba' ġimgħat mill-1 sad-29 ta' Marzu 2018. Waslu żewġ kontribuzzjonijiet ta' rispons, li kienu minn assoċjazzjonijiet tan-negozju. Iż-żewġ assoċjazzjonijiet ipproponew li jitneħħa l-obbligu li jiġu tikkettati l-valuri ta' indiċi tal-perossidu, il-kontenut tax-xama' u l-assorbiment UV meta l-aċidità tissemma, hekk kif sostnew li l-konsumaturi ma jifhmuhomx dawn il-valuri. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-referenza għall-aċidità biss tkun aktar qarrieqa għall-konsumaturi hekk kif l-aċidità mhijiex l-uniku parametru li jrid jitqies meta tiġi evalwata l-kwalità taż-żejt taż-żebbuġa verġni. Kumment wieħed kien dwar il-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri li jobbligaw lill-operaturi tagħhom biex jindikaw fuq it-tikketta s-sena tal-ħsad taħt kundizzjonijiet speċifiċi. L-assoċjazzjoni semmiet b'mod partikolari li dan jobbliga lill-operaturi biex joħolqu tikketti differenti għal pajjiżi differenti, u dan jiġri minħabba li l-obbligu jista' jikkonċerna biss iż-żejt taż-żebbuġa prodott fl-Istat Membru li jiddeċiedi li japplika l-possibbiltà, minn żebbuġ maħsud f'dak l-Istat Membru u maħsub għall-konsum intern. Madankollu, din ir-restrizzjoni ma tidhirx li hija sinifikanti. Tabilħaqq, għaż-żjut taż-żebbuġa verġni li ma jkunux konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-operaturi xorta jibbenefikaw mill-possibbiltà li jindikaw is-sena tal-ħsad jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(e) tar-Regolament (UE) Nru 29/2012. Għaldaqstant, is-sena tal-

ħsad tista' tidher ukoll fuq flixxien taħ-żjut taħ-żebbuġa verġni għall-esportazzjoni, b'mod partikolari jekk 100% tal-kontenut fil-kontenitur ikun ġej minn dik is-sena tal-ħsad. Fl-aħħar nett, issemma r-riskju li tevita l-produzzjoni ta' fliexken ta' żejt taħ-żebbuġa minn snin differenti ta' ħsad. Din ir-rimarka hija wkoll irrilevanti hekk kif is-sena tal-ħsad tista' tissemma' biss fuq it-tikketta kemm-il darba 100 % taħ-żejt fil-flixxun jġi minn dak il-ħsad.

Għalhekk jidher li l-abbozz tat-test jiżgura bilanċ xieraq.

L-esperti tal-Parlament Ewropew ġew infurmati dwar dawn id-diskussjonijiet kollha u ġew mistiedna għal-laqgħat kollha.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat huwa bbażat fuq l-Artikolu 75(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Id-dispożizzjonijiet intenzjonati li jikkjarifikaw kif isir it-tikkettar ta' ċerti indikazzjonijiet fakultattivi jenħtieġ li japplikaw minn sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-att delegat.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 22.5.2018

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012 fir-rigward tar- rekwiżiti għal ċerti indikazzjonijiet dwar it-tikkettar taż-żejt taż-żebbuġa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 75(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012², l-operaturi għandhom il-possibbiltà li jinkludu indikazzjonijiet fakultattivi differenti fit-tikkettar taż-żjut taż-żebbuġa u taż-żjut mill-ilbieba taż-żebbuġ, b'ċerti kundizzjonijiet speċifiċi. B'mod partikolari, l-aċidità tista' tidher fuq it-tikketta bil-kundizzjoni li ċerti parametri fiżikokimiċi (il-valur tal-perossidu, il-kontenut tax-xama' u l-assorbiment ultravjola) jkunu indikati wkoll. Bil-għan li l-konsumaturi ma jiġux ingannati, fejn indikat fuq it-tikketta, il-valur tal-parametri fiżikokimiċi jenħtieġ li jkun il-valur massimu li dawn il-parametri jistgħu jilhqqu sad-data ta' durabbiltà minima.
- (2) Meta 100 % tal-kontenut tal-kontenitur ikun inġabar f'sena waħda ta' hśad, l-indikazzjoni tas-sena tal-hśad fit-tikketta taż-żjut taż-żebbuġa extra verġni u verġni hija fakultattiva għall-operaturi. Billi l-hśad taż-żebbuġ normalment jibda tard fil-ħarifa u jintemm sar-rebbiegħa tas-sena ta' wara, huwa xieraq li jiġi kkjarifikat kif is-sena tal-hśad trid tiġi indikata fuq it-tikketta.
- (3) Sabiex jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar l-età ta' żejt taż-żebbuġa lill-konsumaturi, l-Istati Membri jenħtieġ jitħallew jagħmlu l-indikazzjoni tas-sena tal-hśad obligatorja. Madankollu, bil-għan li ma jitfixkilx il-funzjonament tas-suq uniku, tali indikazzjoni obligatorja jenħtieġ li tkun limitata għall-produzzjoni domestika tagħhom, miksuba miż-żebbuġ maħsud fit-territorju tagħhom u maħsuba għas-swieq nazzjonali tagħhom biss. B'analoġija mal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fir-rigward tal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012, l-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu ż-żjut taż-żebbuġa diġà tikkettati sabiex jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-applikazzjoni ta' tali deċizzjoni nazzjonali u biex tagħmel rieżami tad-dispożizzjoni tal-Unjoni bbażata fuqha, fid-dawl ta' kwalunkwe żvilupp rilevanti fit-tħaddim tas-suq uniku, l-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw id-deċizzjoni tagħhom skont l-

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 tat-13 ta' Jannar 2012 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa (ĠU L 12, 14.1.2012, p. 14).

Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.

- (4) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Sabiex jiġu rrispettati l-aspettattivi leġittimi tal-operaturi, jenħtieġ li jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni għall-prodotti tikkettati skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012 qabel id-data ta' applikazzjoni prevista f'dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) l-indikazzjoni tal-aċidità massima mistennija sad-data ta' durabbiltà minima msemmija fl-Artikolu 9(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, tista' tidher biss jekk tkun akkumpanjata b'indikazzjoni, f'ittri tal-istess daqs u fl-istess firxa viżwali, tal-valur tal-perossidu, il-kontenut tax-xama' u l-assorbiment ultravjola, stabbiliti skont ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91;”;
 - (b) fil-punt (e), tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Għall-finijiet ta' dan il-punt, is-sena tal-ħsad għandha tiġi indikata fuq it-tikketta jew fil-forma tas-sena tal-kummerċjalizzazzjoni rilevanti f'konformità mal-Artikolu 6(c)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew fil-forma tax-xahar u s-sena tal-ħsad, f'dik l-ordni. Ix-xahar għandu jikkorrispondi għax-xahar tal-estrazzjoni taż-żejt miż-żebbuġ.”;
- (2) jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

“Artikolu 5a

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li s-sena tal-ħsad imsemmija fil-punt (e) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 trid tiġi indikata fuq it-tikketta taż-żjut taż-żebbuġa msemmija f'dak il-punt tal-produzzjoni domestika tagħhom, miksuba miż-żebbuġ maħsud fit-territorju tagħhom u intiżi għas-swieq nazzjonali tagħhom biss.

Dik id-deċiżjoni ma għandhiex tipprevjeni żjut taż-żebbuġa tikkettati qabel id-data li fiha dik id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ milli jiġu kummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dik id-deċiżjoni skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.”.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (1) tal-Artikolu 1, għandu japplika sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Iż-żjut taż-żebbuġa tikkettati qabel id-data msemmija fit-tieni paragrafu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22.5.2018

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER*